# IL-BAWXATA TAS-SUR FELIĊ

Is-sur Feliċ ħaseb li jmur igħaddi nofs ta' nhar ir-Rabat għand Dun Fakond għal San Pawl ta' Jannar, Sosa martu, ħasbet biex kollox ikun isir f' waqtu u, biex ma tibqax id-dar weħedha, ħalliet lil Vanġiela l-qaddeja tagħhom tmur għand oħtha għall-magħmudija tat-tarbija li kienet għadha kif twieldet.

" Aħseb li tagħlaq kollimkiem, " qalet lil Feliċ, " ftakar li taw is-salt lil l-imħallef erbat ijiem ilu, u jekk jaraw li m'aħniex id-dar jaħsbu fina wkoll, għad li ma għandniex u la flus u la fided, neħħi l-ftit rigali tat-tieġ li hemm fil-vetrina. "

Feliċ, malli spiċċaw mill-ikel beda jdur mad-dar u jsakkar it-twieqi u l-bibien, iġerri l-firrolli jagħmel l-istaneg biex żgur ma jħallix mnejn jistgħu jidħlu n-nies. Sosa rat li kollox sewwa, qabbdet lil Vanġiela 'l barra u ħarġet ma' żewġha.

Waslu r-Rabat, semgħu d-daqq, għamlu żjara twila lil Dun Fakond u bil-għajnuna t'Alla għall-ħabta tad-disgħa sabu ruħhom quddiem darhom.

Feliċ fittex fil-bwiet u ma sabx il-muftieħ.

" M'hux fil-borża tiegħek il-muftieħ?" qal lil Sosa.

" L-aħħar li rajtu f'idejk aħna u ħerġin, " qalet il-mara, " ma ħallejtux fuq il-mejda jewwilla ?"

" Ara hemmx xi tieqa baxxa li tista' tinfetaħ ? "

" Kollox qfilt.

" Kif insejt il-muftieħ, stajt insejt taqfel waħda mit-twieqi, " qalet Sosa, mqita.

" Din biċċa ħelwa ! Dal-ħin kif insibu min jiftħilna ?"

" Kola l-mastrudaxxa l-lum festa, ma ħadimx. "

Sosa bdiet titmasħan. " Dawn l-irġiel ma tistax tafdahom f'xejn,... qatt waħda dritta ! " qattus għax ma ħsibtx jien fil-muftieħ...

Ittawlet, ma nafx kif, mit-toqba tal-muftieħ u werżqet twerżiqa... "Hemm id-dawl ġewwa, Feliċ, għandna n-nies. "

Feliċ ittawwal ukoll u ra d-dawl fil-kmamar ta' ġewwa.

" Sos, stenna nitfa hawnhekk sa navża lill-pulizija, u niġi malajr. "

Telaq bla nifs u ħames minuti waru ġie lura mgħaġġel ma' Surġent mogħla hawn.

F'kemm ili ngħidlek qal kulma ġara lis-surġent. Dan ħasibha ftit, imbagħad qal lil Feliċ:

"Jekk hemm in-nies l-aħjar li nagħmlu int ċempel il-qampiena u jien nintasab hawn wara l-bieb. Min jaqbad joħroġ jew minn tieqa jew mill-bieb f'idejna jaqa'. Jien hawn għandi pistola tajba u, jekk ma jħallinix narrestah, nagħmel in-nar fuqu.

" Jaħasra," qalet Sosa, "jien nibża' min-nar jekk tista' tisparax, surġent. "

" Mur stenna fil-kantuniera ", qallha Feliċ, " u ħalli l-biċċa f'idejna ".

Sosa staħbiet wara l-kantuniera b'nofs wiċċha jħares lejn il-bieb u qalbha tħabbat bla ħniena bil-biża'.

" Ċempel, sur Feliċ, " qal is-surġent.

Il-qampiena ċemplet qawwi u mit-toqba tas-serratura raw id-dawl riesaq lejn il-bieb ta' barra u wara ftit beda jinstama' mixi.

—Ma għaddiex żmien bosta u l-lukket tal-bieb tħarrek u l-bieb beda jitbexxaq.

Feliċ b'rogħda f'saqajh serraħ ġismu mal-koxxa tal-bieb u s-surġent ħareġ il-pistola mill-għant tal-ġild imdendel ma' ħżiemu.

Fl-aħħar it-tebqa tal-bieb infetħet beraħ u fuq il-għatba, twila bħal stanga, rasha milfufa f' xall iswed tas-suf, f'idha tax-xellug lampa żgħira tal-pitrolju, feġġet Vanġiela li waqfet tħares lejn il-pulizija m'hux anqas imwerwra minn dawk li kien hemm barra.

" Vanġiela! " għajjat kemm felaħ Feliċ.

" Kif, Vanġiela ? " qalet Sosa li telqet lejn il-bieb bħal għafrit.

" Din tafha ? " staqsa s-surġent bil-pistola mdendla f'idu tħares lejn l-art.

" Din Vanġiela, is-seftura tagħna, " qalu flimkien Feliċ u Sosa.

" Kif int hawn ? " staqsa Feliċ, " u mnejn dħalt ?"

" Ġejt wara l-magħmudija u dħalt mill-bieb iż-żgħir ta' l-isqaq għax jien dejjem inħallih nofs mitbuq u naf kif għandi nifitħu.

" Iva għaddu, għax donnha qiegħda tqattar ix-xita."

Kulħadd daħal wieħed wara l-ieħor u Vanġiela marret tixgħel il-kamra ta' l-ikel.

Sosa tat daqqa ta' għajn lejn il-vetrina bir-rigali tat-tieġ u meta rat li xejn ma deher nieqes ħadet ir-ruħ.

Feliċ ħareġ erba' tazzi u ferraħ qatra rum li kellu mwarrab għall-ħbieb u l-ewwel ma newwel jixrob lis-surġent u talbu li jaħfirlu talli qalgħu mill-għassa għal xejn.

" Dan xogħolna, sur Feliċ. Ħadt gost li kollox spiċċa b'wiċċ il-ġid imma int ma għandek ebda ħtija għax il-biċċa kienet tidher kerha ġmielha. Nagħli għas-sinjura li ħadet ħafna qtiegħi ".

Huwa u ħiereġ Feliċ ħa b'id is-surġent u raġa' iż-żiehħajr ta' kulma għamel miegħu u xtieq nistħajjel inewwel lis-surġent xi ħaġa tal-flus imma dak ħares biċ-ċiera lejn Feliċ u qallu taħt ilsien:

"Ftakar li jiena fis-servizz, saħħa."

T. Z.